**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 786/2011 AF**

**Paul u Imelda konjugi Debono**

**vs**

**Paul u Joanna Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul u Imelda konjugi Debono, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti huma proprjetàrji tal-fond "La Mirage", 43, Birguma Road, Naxxar liema fond huwa adjacenti mal-proprjetà tal-intimati 45, Triq Birguma, Naxxar.

Fuq in-naha taghhom tal-hajt divizorju l-intimati ghandhom imhawlin u mizrughin ghadd ta' sigar li jaqbzu l-gholi tal-hajt divizorju f'distanzi mill-hajt divizorju izghar minn dawk imposti mill-ligi f'dan ir-rigward.

Ulterjorment tali sigar qed iwettqu diversi hsarat fuq il-fond tal-esponenti in vista wkoll tal-fatt li z-zkuk qeghdin jixxabbtu madwar tlett sulari 'il fuq minn fuq il-hajt divizorju ghal gol-proprjetà tal-esponenti u sahansitra jahbtu mal-apramorta tal-istess fond tal-esponenti wkoll b'periklu serju ghas-sahha tal-esponenti u wkoll ghall-istrutturi relattivi.

Tali periklu jinsab certifikat minn rapport peritali li jinsab hawnhekk anness u mmarkat Dok. "A" flimkien mar-ritratti relattivi.

Ghaldaqstant l-intimati huma legalment tenuti li minnufih jaqtghu z-zkuk gholjin tal-imsemmija sigar oltre milli jaqilghu l-imsemmija sigar a spejjez taghhom u/jew li, fin-nuqqas, li l-istess intimati jaghmlu, bi spejjez taghhom, fossijiet jew xogholijiet ohra mehtiega biex ma tkun tista' ssir ebda hsara ulterjuri fil-fond oltre milli jikkumpensaw lill-esponenti ghall-hsara kollha sofferta minnhom sal-lum.

Debitament interpellati wkoll permess ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2011 sabiex jiehdu dawk il-passi kollha necessarji sabiex il-kwistjoni odjerna tigi rizolta minghajr aktar hsara ghall-intimati, l-intimati baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati ma osservawx id-distanzi imposti mill-ligi meta zammew imhawlin u mizrughin sigar li jaqbzu l-gholi tal-hajt divizorju fil-fond taghhom.

2. Tiddikjara li in vista ta' dak determinat permezz tal-ewwel talba, l-intimati kkawzaw danni lill-esponenti.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti skond it-tieni talba, okkorrendo bil-ghajnuna ta' periti nominandi.

4. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

5. Tordna lill-intimati sabiex minnufih jaqtghu z-zkuk gholjin tal-imsemmija sigar u/jew illi fi zmien qasir u perentorju li

joghgobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan tordna lill-istess intimati li jaqilghu l-imsemmija sigar a spejjez tal-istess intimati u/jew li, fin-nuqqas, li l-istess intimati jaghmlu, bi spejjez taghhom, fossijiet jew xogholijiet ohra mehtiega biex ma tkun tista' ebda hsara fil-fond.

6. Tawtorizza, fin-nuqqas da parti tal-intimati,, lill-esponenti sabiex jaghmlu dak kollu ordnat a tenur tal-hames talba a spejjez tal-istess intimati u okkorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju, 2011 kontra l-intimati li minn issa huma mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u Paul Debono bil-ġurament tiegħu kkonferma illi:

L-esponenti huma proprjetàrji tal-fond "La Mirage", 43, Birguma Road, Naxxar liema fond huwa adjacenti mal-proprjetà tal-intimati 45, Triq Birguma, Naxxar.

Fuq in-naha taghhom tal-hajt divizorju l-intimati ghandhom imhawlin u mizrughin ghadd ta' sigar li jaqbzu l-gholi tal-hajt divizorju f'distanzi mill-hajt divizorju izghar minn dawk imposti mill-ligi f'dan ir-rigward.

Ulterjorment tali sigar qed iwettqu diversi hsarat fuq il-fond tal-esponenti in vista wkoll tal-fatt li z-zkuk qeghdin jixxabbtu madwar tlett sulari 'il fuq minn fuq il-hajt divizorju ghal gol-proprjetà tal-esponenti u sahansitra jahbtu mal-apramorta tal-istess fond tal-esponenti wkoll b'periklu serju ghas-sahha tal-esponenti u wkoll ghall-istrutturi relattivi.

Tali periklu jinsab certifikat minn rapport peritali li jinsab hawnhekk anness u mmarkat Dok. "A" flimkien mar-ritratti relattivi.

Ghaldaqstant l-intimati huma legalment tenuti li minnufih jaqtghu z-zkuk gholjin tal-imsemmija sigar oltre milli jaqilghu l-

imsemmija sigar a spejjez taghhom u/jew li, fin-nuqqas, li l-istess intimati jaghmlu, bi spejjez taghhom, fossijiet jew xogholijiet ohra mehtiega biex ma tkun tista' ssir ebda hsara ulterjuri fil-fond oltre milli jikkumpensaw lill-esponenti ghall-hsara kollha sofferta minnhom sal-lum.

Debitament interpellati wkoll permess ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2011 sabiex jiehdu dawk il-passi kollha necessarji sabiex il-kwistjoni odjerna tigi rizolta minghajr aktar hsara ghall-intimati, l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Paul u Joanna konjugi Bonnici li permezz tagħha eċċepew illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt partikolarment in vista tal-fatt illi ghal xhur shah qabel ma giet ipprezentata l-kawza, il-partijiet tramite l-avukati taghhom kienu f'kuntatt kontinwu sabiex jaqblu kif kellu jsir ix-xoghol.

Kienet principalment l-oggezzjoni tar-rikorrenti li l-gardinar jidhol fil-gnien taghhom biex jaqta' l-frieghi in kwistjoni, li kkawzat id-dewmien; apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-alternattiva ghal dan kienet mill-aspett finanzjarju ferm aktar gholja billi l-esponenti kellhom addirittura jikru crane biex isiru x-xogholijiet.

Ix-xogholijiet effettivament saru fl-20 ta' Settembru 2011 li jikkonferma l-permess.

Ir-ritratti li hemm annessi mar-rikors gurmanetat ma jurux il-pozizzjoni prezenti billi kif konfermat mir-rapport u ritratti tal-Perit inkargiat mill-esponenti (li qed jigi hawn anness u markat Dok. PB), s-sigra "B" addirittura tqactet u s-sigra l-ohra "A" inzabret billi nqatghu l-frieghi kollha li setghu jkunu ta' inkonvenjent ghar-rikorrenti.

Kif jirrizulta wkoll mir-rapporti peritali gja msemmi, m'hemm l-ebda kontravenzjoni tar-rispett tad-distanzi legali stipulati mill-ligi.

Dwar id-danni pretizi, apparti l-fatt li ma nghatat l-ebda indikazzjoni dwar il-konsistenza tal-istess, dawn huma inezistenti kif ikkonfermat mir-ritratt annessi mar-rapport peritali.

Ghalhekk it-talbiet kollha tal-attrici huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u billi ghalkemm, mistiedna r-rikorrenti irrifjutaw li jikkoperaw u billi x-xoghol effettivament sar anqas minn xahar minn meta giet ipprezentata l-kawza, cirkostanza din li l-esponenti ma kienux jafu biha ghaliex gew notifikati fid-9 ta' Jannar 2012, il-kap tal-ispejjez ghandu jigi deciz kontra r-rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti Paul u Joanna konjugi Bonnici li permezz tagħha eċċepew illi:

It-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi s-siġar li jinsabu fil-proprjetà tal-konvenuti huma imħawlin u miżrugħin b'mod illi ma ġewx osservati d-distanzi imposti mill-liġi u li dawn is-siġar jaqbżu l-għoli tal-ħajt diviżorju li jifred il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet.  Huma qegħdin jitolbu wkoll danni għall-ħsara li huma jgħidu li ġarrbu

minħabba dawn is-siġar. Il-konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi billi eċċepew illi fix-xhur qabel ma ġiet intavolata l-kawża huma kienu għamlu x-xogħolijiet neċessarji sabiex jaqtgħu l-friegħi tas-siġar in kwistjoni kif ukoll illi mhuwiex minnu li dawn is-siġar jinsabu miżrugħa f'distanza inqas minn dik stipulata fil-liġi. Permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri huma eċċepew ukoll illi t-talba tal-atturi għad-danni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Mill-provi prodotti illi l-partijiet huma ġirien u l-proprjetajiet rispettivi tagħhom huma mifrudin permezz ta' ħajt diviżorju li jifred il-ġardini u parapetti rispettivi tal-proprjetajiet. L-awturi tal-konvenuti kienu ħawlu fil-proprjetà tagħhom diversi siġar inkluż tnejn tal-ewkaliptus fil-ġardina tagħhom u ċipressa fil-parapett. Għalhekk jirriżulta li l-konvenuti xtraw il-proprjetà tagħhom bis-siġar diġà fil-post. Din il-kawża ġiet intavolata wara snin ta' korrispondenza bejn il-partijiet inkluż skambju ta' ittri bonarji li eskalaw għall-ittri legali u finalment anke ittra uffiċjali minħabba l-ħsara, periklu u inkonvenjent li l-atturi jgħidu li qegħdin jikkawżaw dawn is-siġar tal-konvenuti fil-proprjetà tagħhom. Jirriżulta li ftit ġimgħat qabel ma ġiet intavolata din il-kawża l-konvenuti kienu qatgħu kompletament waħda mis-siġar tal-ewkaliptus filwaqt illi żabru s-siġra l-oħra. Għaldaqstant jirriżulta li l-ilment tal-atturi huwa dwar is-siġra tal-ewkaluptus rimanenti u iċ-ċipressa msemmija li tinsab fil-parapett tal-konvenuti.

Fir-rigward tas-siġra tal-ewkaliptus, il-Qorti kkunsidrat illi artikolu 437 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> *"(1) Ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' zokk għoli f'bogħod ta' anqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru, jew siġar oħra f'bogħod ta' anqas minn metru u għoxrin ċentimetru, mil-linja li taqsam il-fond tiegħu mill-fond tal-ġar.*
>
> *(2) Id-dwieli, ix-xtieli, is-sisien tal-ħaxix, u kull siġra oħra li tinżamm baxxa sa għoli ta' mhux iżjed minn żewġ metri u għaxar ċentimetri, jistgħu jitħawlu f'bogħod ta' mhux anqas minn ħamsa u erbgħin ċentimetru mil-linja hawn fuq imsemmija.*

*(3) Il-ġar jista', sakemm ma jkunx għadda ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni, jitlob li s-siġar imħawwlin f'bogħod anqas, jew li, għalkemm ikun tħalla dak il-bogħod, ikunu jgħamlulu ħsara, jiġu maqlugħa bi spejjeż tas-sid.*

*(4) Iżda, il-qorti tista' tagħti lil sid dawk is-siġar il-għażla jew li jaqlagħhom, jew li jagħmel, bi spejjeż tiegħu, fossijiet jew xogħlijiet oħra meħtieġa biex ma tkun tista' ssir ebda ħsara fil-fond tal-ġar.*

*(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux meta l-fondi li jmissu ma' xulxin huma mifruda b'ħajt, basta li s-siġar, ix-xtieli jew il-pjanti hawn fuq imsemmija jinżammu b'mod li ma jaqbżux il-għoli tal-ħajt."*

Fir-rapport tiegħu a fol. 22 et seq tal-proċess, il-perit inkarigat ex parte mill-konvenuti, jgħid illi din is-siġra tinsab f'distanza ta' erbgħa u tmenin ċentimetru 'l bogħod mill-ħajt diviżorju. Huwa jgħid illi għalhekk din is-siġra tinsab f'distanza li hija 'l bogħod aktar mill-minimu ta' ħamsa u sebgħin ċentimetru li jipprovdi l-Kodiċi Ċivili. Iżda din l-affermazzjoni hija żbaljata għaliex l-artikolu 437(1) li huwa dak rilevanti, huwa ċar fis-sens illi ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' żokk għoli f'distanza ta' inqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru mil-linja diviżorja u mhux ħamsa u sebgħin ċentimetru kif isostni l-perit Fenech Vella.

Mir-ritratti esibiti huwa ċar illi s-siġra in kwistjoni hija siġra ta' zokk għoli. Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs George Falzon et, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2006, il-perit tekniku kien propju kkonferma li siġra tal-ewkaliptus hija siġra ta' zokk għoli li saħansitra tista' togħla sa għoli ta' tlieta u erbgħin metru. F'din is-sentenza ġie kkonfermat illi d-distanzi msemmija fl-artikolu 437 għandhom jiġu rispettati indipendentement minn jekk is-siġar in kwistjoni humiex qegħdin jikkawżaw ħsara jew le.

Ma jirriżultax li japplika għall-każ odjern dak illi jgħid is-sub inċiż (5) ta' dan l-artikolu in kwantu li huwa ċar mir-ritratti

eżebiti li din is-siġra qiegħda tinżamm ħafna aktar għolja mill-ħajt diviżorju.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Carmel Fenech vs Andrew Buhagiar, deċiża fit-3 ta' Novembru 2005:

> *"Fil-principju, l-Qorti taqbel li d-distanzi li l-ligi timponi fit-Titolu li tittratta s-servitujiet ghandhom jigu osservati f'kull kaz, minghajr htiega li jigi determinat jekk in-nuqqas li tigi osservata d-distanza stabbilità, johloqx pregjudizzju jew hsara lill-gar. Hekk, fil-kawza, "Mangion vs Borg", decisa minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 1983, intqal li d-distanza ta' zewg piedi u nofs stabbilita fl-artikolu 439 tal-Kodici Civili, giet stabilita b'mod kategoriku u ghandha dejjem tigi osservata, u l-vicin ghandu dritt jitlob li tigi osservata din id-distanza anke jekk ma jippruvax danni. Hekk ukoll fil-kawza, "Camilleri vs Curmi", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Lulju, 1995, qalet li d-distanza kontemplata fl-artikolu 443 tal-Kodici Civili, tapplika anke jekk 'l hinn mill-hajt divizorju, fil-proprjetà' tal-gar, ma hemmx tieqa jew apertura ohra, u, ghalhekk, ma jsofrix pregjudizzju bil-fatt li t-tieqa infethet f'distanza anqas minn dik stabbilita fil-ligi. Fil-kawza "Mizzi vs Corso", decisa wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2003, gie osservat li l-gar m'ghandux ghalfejn jipprova li qed isofri pregjudizzju jekk id-distanza legali fil-bini ta' twieqi ma tinzammx mill-proprjetàrju kontigwu. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Azzopardi vs Azzopardi", decisa fl-24 ta' Settembru, 2004."*

Il-Qorti kompliet billi qalet illi fir-rigward ta' siġar però, irid jiġi kkunsidrat l-effett tas-sub inċiż (4). Dan jipprovdi li l-Qorti tista' tagħti lis-sid l-għażla jew jaqla' s-siġra in kwistjoni jew jagħmel xogħol neċessarju biex ma ssir ebda ħsara lill-fond tal-ġar. Din il-Qorti ssib li f'dan il-każ ma ġiex pruvat illi s-siġra in kwistjoni ikkawżat xi ħsara lill-atturi ħlief għas-siġra tal-banana li fuqha waqgħet fergħa mis-siġra tal-ewkaliptus. Madanakollu din ġiet rimpjazzata mill-konvenuti. Iżda, tenut kont tad-daqs ta' din is-siġra, ir-rata li biha jirriżulta li terġa tikber minkejja li

tkun inżabret, il-fatt illi sena wara sena l-konvenuti qegħdin jippermettu li din is-siġra terġa tikber diversi metri 'l fuq mill-ħajt diviżorju, bil-friegħi li qegħdin jitħallew jixxabbtu għal fuq il-proprjetà tal-atturi, u b'riskju li tikkawża ħsara u periklu serju fil-futur, il-Qorti ssib illi fiċ-ċirkostanzi għandha tordna lill-konvenuti jaqilgħu din is-siġra a spejjeż tagħhom.

Fir-rigward taċ-ċipressa, il-Qorti kkunsidrat illi l-attur stess fl-affidavit tiegħu jgħid illi din tinsab f'distanza ta' ħdax-il pied u ċioè madwar tlett metri u ħamsa u tletin ċentimetru mill-ħajt diviżorju. Għaldaqstant ma jirriżultax illi din tħawlet f'distanza inqas minn dik illi tipprovdi l-liġi. Dan ma jfissirx illi l-konvenut jista' jikkaġuna ħsara jew danni lill-atturi b'din is-siġra (Giuseppe Spiteri vs Carmela Desira, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru 1952, ), iżda fil-fehma tal-Qorti ma tressqet ebda prova li din is-siġra qiegħda tikkawża xi ħsara lill-atturi u għaldaqstant il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn għandha tordna li din is-siġra tinqala' wkoll. Iżda l-atturi għandhom d-dritt skont l-artikolu 438(1) li jġiegħlu lill-konvenuti jaqtgħu dawk il-friegħi li jixxabtu fil-proprjetà tagħhom u tenut kont tal-fatt illi l-atturi qegħdin jilmentaw propju minn hekk, il-Qorti sejra tordna lill-konvenuti jiżbru din is-siġra sabiex il-friegħi tagħha ma jibqgħux jixxabtu fuq il-proprjetà tal-atturi.

Fir-rigward tad-danni mitluba, il-Qorti tirrileva li minkejja li fir-rikors promotur l-atturi jgħidu li dawn is-siġar ikkawżawlhom ħsara fil-proprjetà tagħhom, jirriżulta li din il-ħsara hija limtata għas-siġar li l-atturi jgħidu li mietu minħabba li s-siġra tal-ewkaliptus ġiet miżrugħa viċin wisq tagħhom. Huma għamlu wkoll talba għall-ispejjeż ta' tindif illi huma jgħidu li jridu jagħmlu kull ġimgħa sabiex inaddfu l-ħmieġ illi jwaqqgħu is-siġar li qegħdin jilmentaw minnhom.

Il-konvenuti eċċepew illi t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi hekk, '*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*.' Din l-eċċezzjoni qiegħda tintlaqa' limtatament fir-rigward tal-ħsarat u danni li l-atturi jgħidu li soffrew qabel it-28 ta' Mejju tal-2009 in kwantu li jirriżulta li l-konvenuti ġew interpellati permezz ta'

ittra uffiċjali sabiex jersqu għall-ħlas ta' danni li jgħidu li soffrew l-atturi minħabba dawn is-siġar. Din l-ittra uffiċjali hija datata 24 ta' Mejju 2011 u ġiet notifikata lill-konvenuti fit-28 ta' Mejju 2011.

Madanakollu fir-rigward ta' dawk l-ispejjeż imsemmija mill-atturi li mhumiex preskritti ai termini tal-artikolu 2153, il-Qorti xorta waħda hija tal-fehma li ma tressqet ebda prova sodisfaċenti li dawn is-siġar tal-ewkaliptus ikkontribwixxew għal qtil ta' siġar u xtieli tal-atturi li jinsabu fil-viċin. Mir-ritratti eżebiti jirriżulta li fil-ġjardina tagħhom u ċioe eżatt ħdejn is-siġar tal-ewkaliptus, il-konvenuti għandhom diversi xtieli miżrugħin. Kieku dawn is-siġar tal-ewkaliptus kienu qegħdin iżommu lill-ixtieli tal-atturi li jinsabu fil-viċin milli jkollhom aċċess għall-ilma mill-ħamrija kif jgħidu l-atturi, dawn l-ixtieli fil-proprjetà tal-konvenuti kienu jmutu b'nuqqas ta' ilma wkoll .

Fir-rigward tal-ispejjeż ta' tindif, il-Qorti tirrileva li huwa minnu li s-siġar in kwistjoni jħammġu. Indipendentement minn jekk tinżamx id-distanza legali jew le, weraq u friegħi żgħar xorta ser jaqgħu fil-proprjetàjiet tal-madwar. Iżda mir-ritratti eżebiti jirriżulta li l-atturi wkoll għandhom diversi siġar u xtieli fil-proprjetà tagħhom illi ċertament iħamġu wkoll u għaldaqstant il-Qorti ma tħossx illi huwa ġust illi l-konvenuti għandhom iħallsu għat-tindif tal-proprjetà tal-atturi anke għaliex il-Qorti għandha tibbaża r-raġunament tagħha f'dan il-każ fuq il-kunċett tal-buon viċinant. Kif spjegat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet John Bajada et vs Mario Camilleri et, deċiża fil-25 ta' Jannar 2013:

> "*L-obligazzjonijiet tal-buon vicinato għalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid għandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista' l-inkonvenjent li joħloq lill-ġirien l-użu tal-proprjetà tiegħu, il-ġirien għandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta' inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari*."

Għalhekk u għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn din tolqot danni li gew subiti qabel it-28 ta' Mejju 2009.

2. Tilqa' l-ewwel, ħames u sitt talbiet attriċi billi tiddikjara li l-konvenuti mhumiex josservaw id-distanzi imposti mill-liġi limitatament fir-rigward tas-siġra tal-ewakaliptus u tordna lill-istess konvenuti jaqilgħu dik is-siġra tal-ekwaliptus rimanenti u jiżbru s-siġra taċ-ċipressa b'mod illi l-friegħi tagħha ma jibqgħux jixxabbtu fil-proprjetà tal-atturi u dan a spejjeż tagħhom fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data tas-sentenza. Fin-nuqqas illi jagħmlu dan, il-Qorti qiegħda tawtorizza lill-atturi jagħmlu dan ix-xogħol huma a spejjeż tal-konvenuti taħt is-sorveljanza tal-perit Mario Axisa li qiegħed jinħatar għal dan l-iskop.

3. Tiċħad it-tieni, tielet u raba' talbiet attriċi.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti b'dan illi l-ispejjeż tat-tieni, tielet u raba' talba jkunu a karigu tal-atturi.

IMHALLEF

DEP/REG